# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 18**

**Rikors numru 77/20/1 BS**

**Road Construction Co Ltd (C15677)**

**v.**

**Salvu Mintoff & Sons Limited (C5093),Gatt Development Limited(C16310), Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Benigno sive Benny Gatt, Joseph Gatt u Mariano sive Mario Gatt u b'digriet tas-27 ta' Novembru 2020 ġiet awtorizzata tiżdied il-kumpanija Gatt Enterprises Ltd (C-41625).**

1. Il-kawża odjerna ġiet preżentata minn Road Construction Limited sabiex tottjeni kundanna għal ħlas tad-danni li allegatament sofriet minħabba l-aġir ta' Salvu Mintoff & Sons Limited u tal-konvenuti l-oħra, li skont hi ħadmu flimkien sabiex b'qerq jinduċuha tisvesti ruħha għal kollox mill-ġid tagħha b'mod li jkunu jistgħu jeludu d-drittijiet tagħha sakemm

dawn kienu qed jiġu determinati f'proċess ġudizzjarju li kien hemm pendenti bejniethom dwar żewġ porzjonijiet ta' art li s-soċjeta` attriċi tikkontendi huma posseduti minnha taħt titolu ta' enfitewsi temporanja.

2. Fl-4 ta' Novembru, 2020, il-konvenuti kollha (ħlief Gatt Enterprises Limited li sa dakinhar kienet għadha mhux parti mill-kawża) preżentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom permezz ta' liema ressqu numru ta' eċċezzjonijiet preliminari, u ċioe` (1) in-nullita` tal-azzjoni attriċi a tenur tal-Artikolu 789(1)(d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, (2) in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Ewwel Qorti, (3) in-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjeta` attriċi fil-konfront ta' Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Begnino sive Benny Gatt, Joseph Gatt u Mariano sive Mario Gatt, (4) li Raymond Gatt, Ronnie Gatt, William Gatt, Joseph Gatt u Mariano sive Mario Gatt m'humiex il-leġittimi kontraditturi f'dawn il-proċeduri, (5) li Benigno sive Benny Gatt u Joseph Gatt m'humiex leġittimi kontradditturi, (6) li Mario sive Mariano Gatt u Gatt Development Ltd m'humiex leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri u (7) li Gatt Development Ltd m'hijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri.

3. Il-konvenuti msemmija preżentaw rikors quddiem l-Ewwel Qorti fil-21 ta' Jannar, 2021, permezz ta' liema talbu li s-seba' eċċezzjonijiet preliminari ndikati fil-paragrafu preċedenti jiġu deċiżi permezz ta' sentenza in parte qabel ma jiġi deċiż il-mertu tal-azzjoni. Ir-raġuni

mogħtija mill-konvenuti għal din it-talba kienet sabiex f'każ li jirriżulta li huma jew min minnhom m'humiex il-leġittimi kontradditturi f'dawn il-proċeduri, ma jibqgħux mgħobbija b'mandat ta' sekwestru sakemm jinstemgħu l-provi kollha dwar il-mertu u tiġi deċiża l-kawża kollha.

4. Is-soċjeta` attriċi preżentat ir-risposta tagħha għal dan ir-rikors fid-29 ta' Jannar, 2021, permezz ta' liema oġġezzjonat għal din it-talba.

5. L-Ewwel Qorti ċaħdet ir-rikors tal-konvenuti permezz ta' digriet datat 3 ta' Frar, 2021, li jaqra hekk:

> *"Il-Qorti;*
>
> *Regghet rat ir-rikors.*
>
> *Rat ir-risposta.*
>
> *Tichad it-talba."*

6. Il-konvenuti preżentaw talba għall-awtorizazzjoni biex jappellaw minn dan id-digriet, liema awtorizazzjoni ġiet mogħtija lilhom permezz ta' digriet in camera datat 24 ta' Frar, 2021, li nqara fil-miftuħ waqt is-seduta tal-5 ta' Marzu, 2021.

7. Il-konvenuti preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fil-11 ta' Marzu, 2021, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet appellat u tibgħat l-inkartament lura lill-Ewwel Qorti

sabiex tisma' l-provi produċibbli jekk ikun il-każ u tiddeċiedi l-ewwel seba' eċċezzjonijiet tagħhom, bl-ispejjeż tal-appell kontra s-soċjeta` appellata.

8. Is-soċjeta` appellata preżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-8 ta' April, 2021, permezz ta' liema ssottomettiet illi dan l-appell għandu jiġi miċħud u d-digriet appellat għandu jiġi kkonfermat, bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta` attriċi.

**Ikkonsidrat;**

9. Il-konvenuti jargumentaw li din it-talba tagħhom saret għaliex l-eċċezzjonijiet dwar il-leġittimu kontradittur jinċidu b'mod determinanti fuq il-prosegwiment tal-kawża peress li jekk jiġu deċiżi favur tagħhom dan ikun ifisser li ħafna mill-konvenuti ma jibqgħux fil-kawża u għalhekk jiġu liberati mill-piż tal-mandat ta' sekwestru li qiegħdin inġustament isofru. Iżidu li inoltre jekk dawn l-eċċezzjonijiet jiġu milqugħa jkun ifisser li l-kawża tingħalaq u tkun deċiża. Jgħidu li l-Qrati Maltin dejjem taw importanza li eċċezzjonijiet simili jiġu deċiża b'sentenzi in parte qabel ma l-Qorti tidħol fil-mertu tal-kawża biex b'hekk huma ma jkomplux isofru preġudizzju billi jiġu kostretti jistennew is-sentenza finali sabiex ikunu jafu l-pożizzjoni tagħhom.

10. Is-soċjeta` attriċi tirribatti li sabiex jiġu deċiżi l-ewwel seba' eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti, l-Ewwel Qorti trid neċessarjament tisma' l-provi fuq il-mertu. Issostni li l-eċċezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti teħtieġ prova dwar il-mertu sħiħ tat-talbiet, filwaqt li l-kwisjtoni tal-leġittimita` passiva tal-appellanti teħtieġ prova sħiħa dwar kif ħbew il-ġid u l-qligħ ta' Salvu Mintoff & Sons Limited. Isostni li l-Ewwel Qorti għamlet din il-pożizzjoni ċara f'digriet li tat fit-18 ta' Diċembru, 2020. Targumenta li l-fatt li f'kawżi oħra l-Qorti ddeċidiet li titratta l-eċċezzjonijiet preliminari f'sentenza in parte ma jfisser xejn għaliex kull każ huwa separat u differenti. Tgħid li mill-istampa tal-każ diġa rriżulta lill-Ewwel Qorti li r-riżoluzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti ma tistax issir mingħajr konsiderazzjoni tal-mertu sħiħ u għalhekk m'hemmx lok li jiġi revokat id-digriet appellat.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

11. Dan huwa appell minn digriet ta' l-Ewwel Qorti li l-eċċezzjonijiet preliminari mogħtija mill-konvenuti għandhom jiġu deċiżi flimkien mal-mertu fis-sentenza finali. Il-konvenuti resqu seba' eċċezzjonijiet preliminari, l-ewwel dwar l-allegata nullita` tal-azzjoni attriċi, it-tieni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti u t-tielet dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku tas-soċjeta` attriċi fir-rigward ta' numru mill-konvenuti, u l-bqija fis-sens li l-konvenuti m'humiex il-leġittimi kontradittur f'din l-azzjoni.

12. F'dan il-każ jirriżulta li l-eċċezzjonijiet preliminari mogħtija mill-konvenuti solitament jiġu deċiżi permezz ta' sentenza in parte.[1] Il-Qorti li tkun qed tisma' l-kawża pero` dejjem għandha diskrezzjoni li tiddetermina jekk fil-każ partikolari li jkollha quddiemha jkunx iktar għaqli li dawk l-eċċezzjonijiet preliminari jiġux deċiżi flimkien mal-mertu jew permezz ta' sentenza in parte. Madanakollu l-Qorti tosserva li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti ma ġġustifikatx ir-raġuni għalfejn kienet qed tiddipartixxi minn dan l-insenjament. Filfatt mid-digriet appellat ma tirriżulta l-ebda raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-eċċezzjonijiet preliminari għandhom jiġu deċiżi flimkien mal-mertu, u lanqas ma saret l-ebda referenza minnha għall-argumenti magħmula mill-partijiet in sostenn tal-pożizzjoni tagħhom li juru li l-Ewwel Qorti verament ħadet in konsiderazzjoni l-pożizzjoni tal-partijiet. Għalkemm huwa minnu li l-motivazzjoni m'hemmx għalfejn tkun dettaljata jew eżawrijenti, in-nuqqas totali tal-Ewwel Qorti li timmotiva d-digriet tagħha poġġa lil din il-Qorti f'pożizzjoni fejn ma tistax tgħid jekk l-Ewwel Qorti wżatx sew id-diskrezzjoni tagħha f'dan il-każ.

13. Minn dan isegwi illi d-digriet appellat ma jistax jiġi kkonfermat ġaladarba ma jistax jiġi kontrollat minn din il-Qorti. Inoltre, in vista tan-nuqqas ta' motivazzjoni il-Qorti tqis li jkun aktar għaqli li l-inkartament jerġa jiġi mibgħut lura lil Ewwel Qorti għad-deċiżjoni fuq l-istess rikors,

[1] Ara per eżempju l-insenjament fis-sentenza **Frankie Refalo v. Jason Azzopardi** (Appell, 05/10/2001).

biex b'hekk il-partijiet ma jiġux privati mid-dritt tagħhom għad-doppio esame tad-deċiżjoni dwar ir-rikors tal-konvenuti.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-konvenuti, tirrevoka d-digriet appellat u tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex jerġa' jiġi deċiż ir-rikors tal-konvenuti tal-21 ta' Jannar, 2021, bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da